

FTEHIM

LI JEMENDA L-FTEHIM DWAR IT-TRASFERIMENT U L-MUTWALIZZAZZJONI TAL-KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI BEJN IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-RENJU TAD-DANIMARKA, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA, IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA, IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-RENJU TAN-NETHERLANDS, IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-RUMANIJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA U R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

PREAMBOLU

IL-PARTIJIET KONTRAENTI, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja u r-Repubblika tal-Finlandja (il-"Firmatarji");

FILWAQT LI JFAKKRU fid-dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Grupp tal-Euro u tal-ECOFIN tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar il-garanzija ta' kontinġenza tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni li tikkonċerna impenn li tiġi żviluppata garanzija ta' kontinġenza komuni kompletament operattiva sa l-aktar tard wara għaxar snin;

FILWAQT LI JFAKKRU WKOLL li fil-laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro approvaw pakkett komprensiv bil-ħsieb li tissaħħaħ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inkluż it-Termini ta' Referenza tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (il-"Fond"). Skont dawk it-termini, il-garanzija ta' kontinġenza komuni tiġi introdotta permezz ta' bidliet limitati għall-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni qabel tmiem il-perijodu tranżitorju sakemm ikun sar biżżejjed progress fit-tnaqqis tar-riskju, wara deċiżjoni politika infurmata minn valutazzjoni tat-tnaqqis tar-riskju tal-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti fl-2020. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tat-tnaqqis tar-riskju jkunu proporzjonati mal-livell ta' ambizzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni fil-perijodu tranżitorju meta mqabbel ma' dak tal-istat kostanti;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li meta l-garanzija ta' kontinġenza komuni tiġi introdotta qabel tmiem il-perijodu tranżitorju, li matulu l-kontribuzzjonijiet ex ante għall-Fond jiġu allokatu għal kompartimenti differenti soġġetti għal mutwalizzazzjoni progressiva, mutwalizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post b'mod simili tiffaċilita transizzjoni bla xkiel minn struttura kompartimentali tal-Fond bħal din għal waħda mutwalizzata bis-sħiħ;

FILWAQT LI JFAKKRU WKOLL li fil-Grupp tal-Euro tal-4 ta' Diċembru 2019 f'format inklużiv, il-Ministri għall-Finanzi approvaw il-modalitajiet tekniċi għall-mutwalizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post għall-Fond;

FILWAQT LI JFAKKARU WKOLL li jenħtieġ li dan il-Ftehim Emendatorju ma japplikax qabel ma l-Partijiet Kontraenti kollha li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jkunu kkonkludew li sar progress suffiċjenti fit-tnaqqis tar-riskju kif imsemmi fit-Termini ta' Referenza tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, kif approvat mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv, u qabel ma tkun daħlet fis-seħħ riżoluzzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà biex tingħata faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza,

FTIEHMU kif ġej:

ARTIKOLU 1

Emendi għall-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet
għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Il-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-21 ta' Mejju 2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

‘(d) Ir-raba' nett, u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord imsemmi fil-punt (e), jekk il-mezzi finanzjarji msemmijin fil-punt (c) ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, il-Partijiet Kontraenti għandhom jittrasferixxu fil-Fond il-kontribuzzjonijiet ex post straordinarji mill-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorji rispettivi tagħhom, miġburin f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 71 tar-Regolament SRM, f'konformità ma' dan li ġej:

- bħala l-ewwel pass, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati msemmija fil-punt (a) jew, fil-każ ta' riżoluzzjoni transfruntiera ta' grupp, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati li ma pprovdewx biżżejjed mezzi finanzjarji skont il-punti (a) sa (c) fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' entitajiet awtorizzati fit-territorji tagħhom, għandhom jittrasferixxu fil-Fond kontribuzzjonijiet straordinarji ex post sal-ammont ikkalkulat bħala l-ammont massimu ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li jistgħu jinġabru minn istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorji tagħhom f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament SRM immultiplikati bil-perċentwal rilevanti ("l-ammont massimu"). Għall-finijiet ta' dan l-inċiż, il-perċentwal għandu jiġi ddeterminat b'referenza għad-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Dan għandu jammonta għal 30 % mid-data tal-applikazzjoni ta' dan l-inċiż u matul il-bqija tat-trimestru kalendarju li fih taħbat dik id-data. Il-perċentwal għandu jonqos fuq bażi ta' kull tliet xhur b'ammont ugwali għal 30 punt perċentwali diviż bin-numru ta' trimestri kalendarji li jifdal tal-perijodu tranżitorju, inkluż it-trimestru li fih taħbat id-data ta' applikazzjoni ta' dan l-inċiż. Għall-finijiet ta' dan l-inċiż, is-somma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li jkunu diġà nġabru fl-istess sena u li jkunu għadhom iridu jinġabru fl-istess sena skont dan l-inċiż fir-rigward ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni preċedenti għandhom jitnaqqsu mill-ammont massimu;

- bħala t-tieni pass, jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli skont l-ewwel inċiż mhumiex biżżejjed, il-Partijiet Kontraenti kollha għandhom jittrasferixxu fil-Fond il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex post meħtieġa biex ikopru l-bqija tal-ispejjeż tal-azzjoni partikolari ta' riżoluzzjoni sal-ammont ikkalkulat bħala l-Ammont massimu ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li jistgħu jinġabru minn istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorji tagħhom f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament SRM immultiplikata b'perċentwal ugwali għal 100 % bit-tnaqqis tal-perċentwal applikata f'konformità mal-ewwel inċiż ("l-ammont massimu mutwalizzata"). Għall-finijiet ta' dan l-inċiż, is-somma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li jkunu diġà nġabru fl-istess sena u li jkunu għadhom iridu jinġabru fl-istess sena skont dan l-inċiż fir-rigward ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni preċedenti għandhom jitnaqqsu mill-ammont massimu mutwalizzata.

- (e) Jekk il-mezzi finanzjarji msemmija fil-punt (c) ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, u sakemm il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex post imsemmija fil-punt (d) ma jkunux immedjament aċċessibbli, inkluż minħabba raġunijiet relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-Bord jista' jeżerċita s-setgħa tiegħu li jikkuntratta għall-Fond self jew forom oħra ta' appoġġ f'konformità mal-Artikoli 73 u 74 tar-Regolament SRM, jew is-setgħa tiegħu li jagħmel trasferimenti temporanji bejn il-kompartimenti f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim.

Fejn il-Bord jiddeċiedi li jeżerċita s-setgħat imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, il-Partijiet Kontraenti għandhom mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu ta' dan il-punt, jittrasferixxu fil-Fond il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex post sabiex jirrimborżaw is-self jew forma oħra ta' appoġġ, jew it-trasferiment temporanju bejn il-kompartimenti, f'konformità mal-ewwel u t-tieni inċiż tal-punt (d) matul il-perijodu ta' maturità u sakemm ikun hemm rimborż sħiħ. Biex jiġi evitat kull dubju, l-istess perċentwal rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (d) għandu japplika matul il-perijodu ta' maturità kollu.

Għal skema ta' riżoluzzjoni partikolari li daħlet fis-seħħ matul il-perijodu tranżitorju, għandu japplika dan li ġej:

- is-somma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li għandhom jiġu trasferiti fir-rigward ta' dik l-azzjoni partikolari ta' riżoluzzjoni u dawk li għad iridu jiġu trasferiti fir-rigward ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni preċedenti mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati skont (i) l-ewwel inċiż tal-punt (d) u (ii) skont dan il-punt (e) applikat f'konformità mal-ewwel inċiż tal-punt (d) ma għandhiex taqbeż l-ammont massimu mmultiplikat bi tlieta;

- sussegwentement, is-somma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li għandhom jiġu trasferiti fir-rigward ta' dik l-azzjoni partikolari ta' riżoluzzjoni u dawk li għad iridu jiġu trasferiti fir-rigward ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni preċedenti mill-Partijiet Kontraenti kollha skont (i) it-tieni inċiż tal-punt (d) u (ii) skont dan il-punt (e) applikat f'konformità mat-tieni inċiż tal-punt (d) ma għandhiex taqbeż l-ammont ugwali għas-somma tal-kontribuzzjonijiet ex ante kollha mħallsa fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dik l-iskema ta' riżoluzzjoni partikolari bl-esklużjoni ta' dawk miġbura b'rabta ma' żborżi preċedenti tal-Fond (il-livell propju tal-Fond, mingħajr ma jitqiesu l-iżborżi possibbli).”;

(b) Jiddaħħal il-punt li ġej:

"(f) Jekk il-mezzi finanzjarji msemmija fil-punt (e) ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati għandhom, matul il-perijodu ta' maturità u sakemm isir ir-rimborż sħiħ, jittrasferixxu kontribuzzjonijiet straordinarji ex post li jkunu għadhom jistgħu jinġabru minn istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorji tagħhom fil-limitu stabbilit f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament SRM, sabiex jirrimborżaw is-self jew forom oħra ta' appoġġ li l-Bord jista' jikkuntratta f'konformità mal-Artikoli 73 u 74 tar-Regolament SRM.”;

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti skont il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 5(1), il-Partijiet Kontraenti kkonċernati minn riżoluzzjoni jistgħu, matul il-perijodu tranżitorju, jitolbu lill-Bord biex jużaw temporanjament il-parti tal-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti tal-Fond, li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, li tkun għadha ma ġietx mutwalizzata. F'dan il-każ, għandu japplika l-punt (e) tal-Artikolu 5(1)."

ARTIKOLU 2

Depożitu

Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju"), li għandu jikkomunika kopji ċċertifikati lill-Firmatarji kollha.

ARTIKOLU 3

Konsolidazzjoni

Id-Depożitarju għandu jistabbilixxi verżjoni konsolidata tal-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u jikkomunikaha lill-Firmatarji kollha.

ARTIKOLU 4

Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni

1. Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jkun soġġett għal ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni mill-Firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni għandhom jiġu depożitati għand id-Depożitarju.
2. Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-Firmatarji l-oħrajn b'kull depożitu u d-data tiegħu.

ARTIKOLU 5

Dħul fis-seħħ, applikazzjoni u adeżjoni

1. Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jidhul fis-seħħ fid-data meta l-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni jkunu ġew depożitati mill-Firmatarji kollha li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, dan għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. Dment li dan il-Ftehim Emendatorju jkun daħal fis-seħħ f'konformità mal-paragrafu 1 u sakemm il-kondizzjonijiet definiti hawn taħt ma jkunux ġew issodisfati qabel dak id-dħul fis-seħħ, dan il-Ftehim Emendatorju għandu japplika mid-data wara d-data meta l-kondizzjonijiet segwenti jkunu ġew issodisfati:

- (a) il-partijiet Kontraenti li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, infurmati mill-valutazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti fl-2020, ikkonkludew li sar progress suffiċjenti fit-tnaqqis tar-riskju kif imsemmi fit-Termini ta' Referenza tal-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, kif approvat mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv; u
- (b) daħlet fis-seħħ riżoluzzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà biex tingħata l-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza skont l-Artikolu 18a(1) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

3. Qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim Emendatorju għandu jkun miftuħ għal adeżjoni mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaderixxu mal-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 13 tiegħu.

L-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għandu japplika wkoll għall-adeżjoni ma' dan il-Ftehim Emendatorju.

L-Istat Membru aderenti għandu jintalab jissottometti l-applikazzjoni għall-adeżjoni għal dan il-Ftehim Emendatorju simultanjament mal-applikazzjoni għall-adeżjoni mal-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' R iżoluzzjoni. L-adeżjoni għandha tkun effettiva mad-depożitu simultanju tal-istrumenti ta' adeżjoni kemm għall-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' R iżoluzzjoni kif ukoll għal dan il-Ftehim Emendatorju.

Magħmul f'oriġinal uniku, li t-testi bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bin-Netherlandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Frañiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż tiegħu huma ugwalment awtentiċi.